MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 509/2008

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 697/08 fl-ismijiet:-**

**Rea Ceramics Co. Ltd (C 23288).**

**vs.**

**Kunsill Malti ghall-Isport.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-Kunsill Malti ghall-Isport datat 16 ta' Mejju 2008 fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi recentement hija giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru odjern ghall-ammont ta' tlieta u erbghin elf disa' mija u hdax-il euro (€43,911) bhala somma dovuta

bhala arrikiment indebitu wara xoghol ezegwit mis-socjeta’ rikorrenti fuq inkarigu tal-Kunsill intimat.

Illi l-Kunsill Malti ghall-Isports kien inkariga lis-socjeta’ rikorrenti Rea Ceramics Co. Ltd darba wahda biss ghal xoghol gewwa l-pixxina nazzjonali li tinsab tal-Qroqq, Msida.

Illi x-xoghol ezewgit mis-socjeta’ rikorrenti ma kienx skond l-arti u s-sengha u ghalhekk ittiehdu passi kontra s-socjeta’ Rea Ceramics Co. Ltd. sabiex il-Qorti fost affarijiet ohra tiddikjara li l-Kunsill esponenti m’ghandhux jhallas l-ammont kuntrattat miktub fif-tender;

Illi permezz ta’ decizjoni moghtija minn din l-Qorti diversament presjeduta, datata 4 ta’ Lulju 2006, it-talba attrici gie milqugha u l-Qorti ordnat li “Kunsill attu m’ghandux ihallas l-ammont kuntrattat miktub fit-tender” (Citaz. Numru 776/05TM) fl-ismijiet il-Kunsill Malti ghall-Isport vs. Rea Ceramics Co. Ltd.

Illi ghalhekk il-pretensjoni kawtelata permezz tal-mandat odjern u l-ammont mitlub mhumiex lanqas *prima facie* gustifikati u l-mandat huwa frivolu u abbuziv fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-mandat odjern.

Illi in sostenn tan-ness bejn l-ammont mitlub u pretiz fil-mandat odjern u dak sostnut mill-Kunsill intimat qed jigu annessi ma’ dan ir-rikors kopji tat-tender li juri l-ammont pretiz ghax-xoghol li kellu jigi ezegwit kif ukoll kopja informali tad-decizjoni fuq imsemmija.

Ghaldaqstant il-Kunsill Malti ghall-Isport umilment jitlob li in vista tas-suespost li jigi revokat *contrario imperio* il-mandat odjern numerat 697/08 fl-ismijiet premessi.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat li l-istess rikors gie appuntat ghas-smiegh ghall-11 ta’ Gunju 2008.

Rat ir-risposta tas-socjeta' rikorrenti Rea Ceramics Co. Ltd. datata 16 ta' Gunju 2008 fejn gie eccepit:-

1. Illi s-socjeta' esponenti kellha tintavola l-mandat odjern peress illi kellha tintavola kawza fl-ismijiet premessi, fejn is-somma pretiza hija dik ta' tlieta u erbghin elf disa' mija u hdax-il euro u sitta u sebghin centezmu (€43,911.76), u dan a bazi ta' arrikiment ingust *da parte* ta' l-intimati l-Kunsill Malti ghall-Isport.

2. Illi s-socjeta' esponenti kienet il-konvenuta f'kawza fl-ismijiet Kunsill Malti ghall-Isport vs Rea Ceramics Company Limited (Citazzjoni Numru 776/05/TM), f'liema kawza, l-Qorti kif diversament presjeduta ordnat lis-socjeta' esponenti (fl-imsemmija process konvenuta) thallas is-somma ta' erba' t'elef, tmien mija u disa' u ghoxrin liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm4,820.87 = €11,229.61) *in linea* ta' danni, bl-imghax legali mill-4 ta' Marzu 2005, sal-pagament effettiv, u inoltre, ddikjarat li l-Kunsill attur m'ghandux ihallas l-ammont kuntrattat miktub fit-tender, ossia ta' tmintax-il elf lira Maltin, tmien mija u sitta u erbghin Lira, u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm18,846.25 = €43,899.95), peress illi l-Qorti ddecidiet illi x-xogholijiet esegwiti mis-socjeta' intimata ma kienux skond il-ftehim u l-arti u s-sengha.

3. Illi *nonostante* d-dikjarazzjoni fis-sentenza msemmija aktar il-fuq, l-konvenuti minflok irriparaw l-istess xoghol li sar fil-qiegh tal-pixxina, accettaw dan ix-xoghol li wara li giet deciza l-kawza fuq citata huma inkarigaw haddiema ohra sabiex ikomplu b'xogholijiet ta' zebgha, proprju fuq dak ix-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici.

4. Illi b'dan il-mod il-konvenuti spiccaw sabiex arrikaw lilhom infushom indebitament ghad-dannu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tlieta u erbghin elf disa' mija u hdax-il euro u sitta u sebghin centezmu (€43,911.76) rapprezentanti f'xogholijiet u materjal.

5. Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti ghandha kull dritt li tikkawtela d-dritt taghha li tigbor is-somma pretiza minnha fit-talba ghal hrug tal-mandat odjern, l-aktar fid-dawl tal-

fatt illi huma ma jafu assolutament xejn dwar il-qaghda finanzjarja ta’ l-intimati. Mhux talli, jirrizulta, illi l-intimati ghandhom problema finanzjarja, u dan il-mandat huwa l-uniku mod li taccerta ruhu illi l-kunsill intimat huwa finanzjarjament attiv.

6. Illi bir-rispett kollu, ir-rikors tas-socjeta’ intimata ma jaghti ebda raguni ai termini tal-ligi, ghalfejn it-talba ghall-hrug tal-mandat odjern m’ghandux jintlaqa’.

7. Illi ghalhekk, almenu *prima facie,* jezistu bizzejjed ragunijiet illi jiggustifikaw it-talba ghall-hrug tal-mandat odjern.

Rat il-verbali tas-seduti u li l-istess rikors thalla ghall-provediment finali ghat-2 ta’ Ottubru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jidher li r-rikors odjern sar skond a bazi tal-**artikolu 836 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

**“*836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l- att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l- att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-*

Illi fost ir-ragunijiet imsemmija hemm dawk abbazi tal-**artikolu 836 (1) (d) u (f)** li jipprovdu li:-

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi fid-digriet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** (P.A.(RCP) 10 ta' Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 inghad ukoll *"li mid-disposizzjoni tal-istess* ***artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija".*

Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina *prima facie* jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. **("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"** – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"** P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001).

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-Kunsill Malti ta' l-Isport kien inkarigat lis-socjeta' Rea Ceramics Co. Ltd. sabiex jaghmlu xoghol biex tigi mibdula l-art tal-pixxina nazzjonali u dan wara sejha ghal offerti, u fejn l-istess socjeta' offriet li taghmel ix-xoghol ghall-ammont ta' Lm18,846.25. (€43,899.95)

Illi jirrizulta li gie deciz b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Kunsill Malti ghall-Isport vs Rea Ceramics Co. Ltd"** (P.A. (TM) – 4 ta' Lulju 2006) li x-xoghol li sar ma kienx skond kif miftiehem u lanqas sar skond is-sengha u l-arti, tant li kellu jsir hafna

xoghol riparattiv ta' natura estensiva u wkoll li l-istess Kunsill indikat sofra danni, tant li la darba d-difetti fl-istess xoghol kienu ta' tali gravita', l-kommittent kellu d-dritt jopponi kull talba ghall hlas bl-*exceptio non rite adempleti contractus* (**"Camilleri vs Cuschieri"** (P.A. – 31 ta' Jannar 2003); **"Spiteri nomine vs Conway nomine"** P.A. – 6 ta' Marzu 1998) u allura l-kuntrattur tilef id-dritt li jitlob il-hlas, b'dan li l-istess decizjoni l-Kunsill gie awtorizzat li ma jhallasx l-ammont kuntrattat fit-tender ghaliex l-istess xoghol ma kienx tal-kwalita' pattwita u t-tahlita ma kienitx skond ir-rekwiziti teknici tas-sejha ghall-offerti u mhux biss izda kkundannat lill-istess socjeta' thallas s-somma ta' Lm4,829.87 (€11,250.57) bhala danni li gew ikkawzati minhabba l-istess xoghol hazin.

Illi in vista ta' dan l-istess Kunsill hareg mandat ta' sekwestru 636/2008 kontra l-imsemmija socjeta' llum intimata, l-istess socjeta' ddepozitat garanzija bankarja sabiex jinhareg kontro-mandat relattiv Numru 685/2008 datat 8 ta' Mejju 2008 (fol. 16) u kontestwalment pprezentat is-sekwestru mertu tal-procedura odjerna, Numru 697/08 ghall-ammont ta' €43,911 bhala somma ta' arrikiment indebitu wara xoghol esegwit mis-socjeta' intimata fuq inkarigu tal-Kunsill Malti ta' l-Isport fil-qiegh tal-Pixxina Nazzjonali tal-Qroqq.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-istess socjeta' intimata qed titlob il-hlas tal-istess xoghol mertu tal-kawza citata bejn il-partijiet, xoghol li gja gie dikjarat mhux skond is-sengha u l-arti u li l-Kunsill Malti ta' l-Isport gie awtorizzat sabiex minhabba hekk ma jhallasx tieghu, decizjoni li jidher li bl-ebda mod ma giet appellata u ghalhekk ghaddiet in gudikat. Dan minkejja li fic-cedola ta' depositu wara l-hrug tal-mandat ta' sekwestru 636/08, l-istess socjeta' qed tghid li kienet qed tikkontesta l-ammont hemm indikat li fil-verita' gie kannonizzat bl-istess imsemmija sentenza **"Kunsill Malti ghall-Isport vs Rea Ceramics Co. Ltd"** (P.A. (TM) – 4 ta' Lulju 2006).

Illi minbarra dan din il-Qorti tinnota li bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kontrattwali ta' appalt u kien fuq hekk li giet deciza l-istess kawza u ghalhekk il-kuncett ta'

arrikiment in debitu ma' jistax japplika ghar-relazzjoni bejn il-partijiet peress li dan japplika biss proprju fejn ma hemm l-ebda relazzjoni *ex contractu,* tant li inghad li din hija azzjoni sussidjarja li hija koncessa proprju meta ma hijiex esperibbli l-azzjoni a bazi ta' kuntratt **("Agnes mart Charles Mattocks et vs Victor Mckeon"** – K – (CS) – 15 ta' Settembru 1989; **"Dominic Cassar et vs Francis Borg"** (A.I.C. (JH) – 5 ta' Mejju 1989).

Illi a bazi ta' dan kollu din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-unika relazzjoni bejn il-partijiet hija dik kuntrattwali, haga li fil-fatt gja giet deciza b'sentenza ta' din il-Qorti, u din il-Qorti thoss li lanqas fuq l-iskorta ta' *prima facie* ma jezisti l-allegat dritt vantat mis-socjeta' intimata, iktar u iktar dwar xoghol li gie gudizzjarment dikjarat bhala mhux skond l-arti u s-sengha u mhux tal-kwalita' pattwita.

Illi fl-ahharnett u ghall kompletezza jinghad ukoll li ma hemm ebda prova ta' dak allegat fil-hames paragrafu tar-risposta intimata.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru *de quo* qed tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' intimata Rea Ceramics Co. Ltd, **tilqa' it-talba tar-rikorrenti Kunsill Malti ghall-Isport fir-rikors datat 16 ta' Mejju 2008** u *contrario imperio* tirrevoka il-Mandat ta' Sekwestru Numru 697/08 fl-ismijiet "Rea Ceramics Co. Ltd (C23288) vs Kunsill Malti ghall-Isport" ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tordna l-hrug tal-kontro-mandat relattiv, konformi ma' dan il-provediment, a spejjez tas-socjeta' intimata Rea Ceramics Co. Ltd (C23288).

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata Rea Ceramics Co. Ltd.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------